# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex | t: 2155 6377 | e: info@sangorg.org | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/SanGorg | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00MHz FM Stereo] | t: 2156 5207


## GĦAX NAGĦMLU HEKK? *Il-ġesti tal-Kristjan (2)*

### GĦARKUPPTEJNA

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Il-bniedem, meta jrid juri minn barra sens ta' riverenza, adorazzjoni, umiltà u telqa f'idejn Alla, jagħmel il-ġest li jbaxxi parti jew il-ġisem kollu. Hemm diversi modi kif nagħmlu dan.



**INKIN:** Dan il-ġest isir billi nbaxxu bilmod rasna. Dan il-ġest antik jintuża meta rridu nonoraw lil xi ħadd, nirċievu l-barka, kif ukoll aħna u nitolbu l-Glorja, f'sens ta' adorazzjoni lil Alla.

**ĠENUFLESSJONI/RIVERENZA:** Din issir billi ninżlu għal mument qasir għarkupptejna. Din tintuża bħala sens ta' adorazzjoni meta ngħaddu minn quddiem Ġesù Sagramentat u t-tabernaklu.

**GĦARKUPPTEJNA:** Din hi l-pożizzjoni tat-talb li turi sens ta' umiltà, dispjaċir kif ukoll adorazzjoni lil Alla kbir.

Kemm hu sabiħ li nindunaw kemm hu kbir Alla! Kemm hu sabiħ li naqgħu għarkupptejna nitolbuh! Kemm hu sabiħ li ngħallmu lil uliedna biex jagħmlu riverenza meta jgħaddu minn quddiem is-Sagrament! Kemm hu sabiħ li nerġgħu niskopru dak l-inkin lil Alla setgħan aħna u nitolbu t-talba tal-Glorja!

*"Meta tinżel għarkupptejk, tgħaġġilx. Ħalli lil qalbek kollha tinduna li qed tmil quddiem Alla tiegħek. Meta tidħol jew toħroġ mill-knisja jew inkella tgħaddi minn quddiem it-tabernaklu, jew l-altar waqt quddiesa, inżel għarkupptejk bilmod, u ħalli lil qalbek tifhem u tħoss li qiegħed quddiem Alla l-Kbir! Din l-umiltà u l-verità kull darba tagħmillek tajjeb għal ruħek!" (Romano Guardini).*

### IL-BULLETTIN BL-INGLIŻ

Għall-benefiċċju ta' membri fil-komunità tagħna li ma jaqrawx bil-Malti jew jippreferu l-Ingliż, infakkru li l-Parroċċa kull ġimgħa qed toffri dan is-servizz li tibgħat b'email il-Bullettin tal-Ħadd bil-lingwa Ingliża. Min iridu, jinfurmana fuq **info@stgeorge.org.mt**.



INKOMPLU NITGĦALLMU MILL-QUDDIESA

### IL-KOLLETTA

Wara l-"Glorja", jew, meta ma jkunx hemm, dritt wara l-Att Penitenzjali, it-talb jieħu għamla partikulari f'dik li tissejjaħ il-"Kolletta", li tesprimi l-karattru proprju taċ-ċelebrazzjoni, li tvarja skont il-jiem u ż-żminijiet tas-sena. Bl-istedina "Nitolbu", is-saċerdot isejjaħ lill-poplu biex jingħabar flimkien miegħu f'*waqt ta' skiet*, biex jista' jagħraf li jinsab quddiem Alla u hekk, mill-qalb ta' kull wieħed u waħda, joħorġu l-fehmiet personali li bihom qed jieħu sehem fil-Quddiesa. Is-saċerdot jgħid: "Nitolbu"; u mbagħad isegwi mument ta' skiet, u kulħadd jaħseb f'dak li għandu bżonn, dak li jixtieq jitlob, fit-talb. Is-skiet mhux il-vojt mill-kliem, imma qiegħed hemm biex niddisponu ruħna ħalli nisimgħu ilħna oħra: dak tal-qalb tagħna u, fuq kollox, il-leħen tal-Ispirtu s-Santu.

*Il-Papa Franġisku*

Il-ġabra b'risq l-Istrina tal-Parroċċa li saret matul ix-xahar ta' Jannar laħqet is-somma sabiħa ta' **€4037.50**, waqt li dik ta' żewġ iĦdud ilu b'risq il-missjoni Franġiskana fl-Art Imqaddsa kienet ta' **€912.29**. Bħal dejjem, grazzi tal-qalb tajba li biha dejjem lesti biex tgħinu lill-Knisja!



### SAN ĠWANN BOSCO

Dan il-Ħadd l-Oratorju Don Bosco jiċċelebra l-Festa ta' San Ġwann Bosco. Nawguraw lil kulħadd il-festa t-tajba, filwaqt li nitolbu għaż-żgħażagħ tagħna u għall-edukaturi tagħhom.



### FESTA TA' LOURDES

Nhar is-Sibt 9 ta' Frar niċċelebraw il-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes. Nistednukom għall-quddiesa fis-6.00pm u wara l-purċissjoni bit-talba tar-Rużarju għall-morda tagħna. Dawk minnkom li jixtiequ li b'mod sigriet nitolbu għal xi morda partikulari, ikellmu lill-Arċipriet matul din il-ġimgħa.

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 03-02-2019 | Anton Tabone |
| 04-02-2019 | Pawla Grech |
| 05-02-2019 | Duncan Camilleri |
| 06-02-2019 | Grace Micallef |
| 07-02-2019 | Sr Anastasia Vella |
| 08-02-2019 | Ġużeppa u Anton Farrugia |
| 09-02-2019 | Toni u Ġużeppa Borg |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM